# TAQLIB

*Ta' OLIVER FRIGGIERI*

Għajjien u mgħaffeġ taħt tagħbi'a tqila
li tefgħu fuq spallejja, mxejt 'il ġewwa
fid-dlam ta' triq bla tmiem... Bla naf fejn qiegħed
bqajt dieħel... Taħt riġlejja xewk bla ħajja
madwari lpup imġewha u sriep għaj'ura,
fuq rasi sema mtaqqal bi sħab iswed,
quddiemi baħħ fiċ-ċpar...

Mitluf fi ħsiebi
wasalt fi xfar irdum. Waqaft. Ġo fija
żewġ ilħna dwew: "Midd riġlek u f'pass wieħed
tistrieħ u għommtok iddub." "Timxix! Il-ħajja
li għandek tiġri fik mhix kollox."

Ħiemed
erġajt fi triqti lura. Mingħajr kelma
jew dmugħ li ngħasar fija xegħlet f'sidri
magħluqa għax qalb ħadd m'għarfet tagħdirha
il-bikja ta' min ħabb u ma ħabbewhx...